# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025**

**Numru 1**

**Rikors numru 828/2022/1 HM1**

**Angelo Caruana**

**v.**

**Awtorità tal-Artijiet**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, b'sentenza tas-6 ta' Novembru, 2024, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari li l-Qorti ma kellhiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tisma' u tiddeċiedi t-talbiet tal-attur għat-tħassir ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li permezz tagħha ma rrikonoxxietx lill-attur waħdu imma rrikonoxxietu flimkien ma' oħrajn, ukoll bħal l-attur werrietà tal-gabillot preċedenti, fuq raba' tal-Gvern. Qieset li t-talba għat-tħassir tad-

deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet kienet ta' kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bi tħaddim tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Settembru, 2022 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti), Angelo Caruana (l-Attur) wara li ppremetta li huwa jiddetjeni raba' proprjetà tal-Gvern li tinstab ġewwa l-inħawi magħrufa bħala tal-Marnisi, limiti ta' Marsaxlokk li hija l-mezz ewlieni tal-għixien tiegħu u tal-familja; li din ir-raba' ġiet mgħoddija lilu mill-ġenituri tiegħu aktar minn erbgħin sena ilu; li wara li mietu l-ġenituri tiegħu infetħet kawża bejn l-aħwa dwar il-wirt; li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2008 ġie deċiż li din ir-raba' "tgħaddi fuq dik il-persuna li skond il-Kap. 199 huwa intitolat għaliha, l-eredi jew l-eredi l-oħra, kemm-il darba l-persuna li f'isimha tiġi reġistrata r-raba' hija waħda mill-eredi, għandhom dritt li jipparteċipaw fil-valur ta' l-istess lokazzjoni"; illi missieru Lorenzo Caruana kien għaddielu din ir-raba' fis-sena 1978 u ġiet reġistrata mal-Għammieri fuq isem l-attur; illi minn wara daru parti minn din ir-raba' ġiet reġistrata b'mod irregolari fuq ħutu Victor Caruana u Anthony Caruana; illi l-attur baqa' jaħdem il-parti l-kbira minn din ir-raba' sa kemm miet missieru fis-

sena 1998; illi matul is-snin u sabiex jevita l-inkwiet huwa kien aċċetta li Anthony Caruana jaħdem partijiet minn dan r-raba' mikri mingħand il-Gvern; illi Angelo u Anthony aħwa Caruana kienu l-uniċi persuni li ħadmu parti minn din ir-raba' fl-aħħar snin ta' ħajjet missierhom filwaqt li l-attur ħadem il-kumplament tar-raba'.

2. Kompla jispjega li wara li ngħatat is-sentenza fuq imsemmija l-attur u ħuh Anthony Caruana baqgħu jaħdmu din ir-raba' bejniethom, filwaqt li ħuthom qatt ma ħadmu din ir-raba'; li fis-sena 2020 id-Dipartiment tal-Artijiet nieda sensiela ta' laqgħat bejn l-eredi ta' Lorenzo Caruana bl-iskop li jintlaħaq ftehim dwar din il-qbiela bejn l-eredi ta' Lorenzo Caruana; illi l-Awtorità konvenuta injorat is-sentenza fuq imsemmija u "qed jinsisti li jiddividi l-qbiela tal-art bejn is-sitt aħwa eredi ta' Lorenzo Caruana u mhux skont kif ritenut fis-sentenza ndikata" u skont Kap. 199; illi huwa rrifjuta li l-qbiela tinqasam bejn l-aħwa anke għaliex waħda mill-eredi lanqas biss tgħix Malta u oħrajn riedu r-raba' għal skop ta' rikreazzjoni u mhux għal skop agrikolu filwaqt li għall-attur din ir-raba' hija l-mezz ewlieni għall-għixien tiegħu; illi fit-28 ta' Frar 2021 l-Awtorità konvenuta tat struzzjonijiet li lill-eredi kollha tad-defunt Lorenzo Caruana jaqbdu u jaħdmu r-raba' in kwistjoni u dana mingħajr ma l-attur, bħala l-pussessur ta' dan ir-raba' ma ġie notifikat b'xi deċiżjoni li ttieħdet kontra tiegħu; illi permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu 2022 l-attur ġie informat mill-Awtorità konvenuta li qed tirrikonoxxi lill-

attur fuq ir-raba’ in kwistjoni *in solidum* ma' persuni oħra mingħajr ma dawn it-terzi ġew lilu identifikati; illi huwa pprotesta għal dan billi ppreżenta protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità konvenuta u peress li baqgħet inadempjenti fetaħ din il-kawża.

3. L-attur ressaq dawn it-talbiet:

“1. Tiddikjara li l-Awtorita tal-Artijiet;

a. ħatja li naqset li timxi mal-parametri imposta fuqha bil-ligi, u partikularment dawk maħsuba fl-art 469A et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dana filli naqset u jew irrifjutat li tirrispondi għat-talbiet lilha magħmula mir-rikorrent Angelo Caruana meta naqset ukoll li tinforma lill-esponent Angelo Caruana bil-kundizzjonijiet kollha rigward rikonoxximent tiegħu fil-qbiela tar-raba’ nsolidum ma' terzi.
b. naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil;
c. naqset ukoll li tara li kull decizjoni li tieħu tkun konformi mal-ligi li tirregola lill-istess entita u in partikolari li a terminu tal-Kap 563 (Art 3) l-art isir l-aħjar uzu minnha,

i. dan meta dina l-art ngħatat lil persuni li fl-ewwel lok ma humiex il-persuni imsemmija fil-Kap 199;
ii. fit-tieni lok, l-art ingħatat lil persuni li lanqas jistgħu jassiguraw l-aħjar uzu tal-art billi qatt ma ħadmu raba’;
iii. fit-tielet lok l-art ingħatat lil-persuni li lanqas jgħixu f'Malta;
iv. ir-raba’ lok l-art ingħatat lill-persuni kontra id-dettami tas-sentenza fuq ċitata.

2. Tiddikjara li l-Awtorità tal-Artijiet u/jew ħaddiema tagħha huma responsabbli tramite ordnijiet illeġittimi tagħhom, għad-danni de fronte tar-rikorrent u dan billi l-egħmil amministrattiv tagħhom kien wieħed ultra vires u billi l-awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; kif ukoll li l-egħmil amministrattiv huwa mod ieħor kontra l-liġi;

3. Tiddikjara li a terminu tas-sub artikolu 5 tal-Artikolu 469A, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkumpensa lill-attur billi tikkundanna lill-Awtorita Pubblika citata, ghall-ħlas tad-danni li hija imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew

kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv li seħħ in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli.

4. Illi taħtar dawk il-periti necessarji sabiex jagħmlu evalwazzjoni tal-ħsara hekk ikkagunata u l-Qorti tordna l-ħlas tad-danni hekk riżultanti.

5. Tikkundanna lill-awtorita intimata thallas d-danni hekk likwidati minn dina l-Qorti.

6. Tagħti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi, nkluzi tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tal-Awtorita ntimata li tirrikonoxxi terzi persuni flimkien u in solidum mar-rikorrenti fil-qbiela tar-raba' tal-Marnisi, limiti ta' Marsaxlokk (gia Zejtun)."

4. Permezz ta' nota datata t-8 ta' Marzu, 2023, l-attur ikkjarifika liema deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet kien qiegħed jikkontesta:

"1) Sensiela ta decizjonijiet zbaljati li jirrizultaw mill-file tal-Lands Authority bin-numru A 134/2001 u li ma jirrispekjawx is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Victor Caruana et. vs Michelina Cachia et, deciza fis-27 ta' Gunju 2008 (Appell Civili Nru 621/2005/1), nkonnessjoni mar-raba' nkwistjoni.

2) Id-decizjoni arbitrarja tad-Direttur tal-Enforcement Section s-Sur Martin Bajada meħuda fi Frar 2021, u dana bi ksur tal-proceduri u cioe' meta ma kienx għadu sar ir-rikonoxximent finali fi Frar 2022, u kif ukoll dwar liema rikonoxximent qed jkun ukoll kontestat.

3) Ma nhargitx eviction notice lill-pussessuri tal-art nkwistjoni u skond il-procedura dettata mill-ligi.

4) Id-decizjoni ta' Martin Bajada fil-kwalita tiegħu premessa fejn fi Frar 2021 ta' ordni sabiex tinħarat l-art minn terzi mingħajr ma kien għadu nhareg ir-rikonoxximent finali, b'konsegwenza ta' liema decizjoni giet kkagunata ħsara fuq l-ucuh tar-raba' propjeta tal-esponent.

5) Id-decizjoni meħuda mic-Chief Executive Officer tas-socjeta ntimata li r-rikonoxximent fl-inkwilinat tar-raba' ma jibqax wieħed nsolidum u dana lil hinn mill-poteri tiegħu skond il-ligi, cioe' agixxa ultra vires.

6) Illi noltre' l-Awtorita ntimata f'dan il-kaz agixxieh b' ħabi bl-intenzjoni li tagevola lil terzi."

5. B'risposta ġuramentata tat-22 ta' Diċembru, 2022 l-Awtorità tal-Artijiet (l-Awtorità konvenuta) laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Illi, preliminarjament, qiegħed jigi eccepit l-inkompetenza rationae materiae ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddetermina t-talbiet tal-attur. Tali azzjoni kellha tingieb quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-terminu preskritt fil-ligi ai termini tal-Kap 563 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 2. Illi, in linea preliminari u mingħajr pregudizzju ghas-suespost, stante illi l-azzjoni kellha ssir taħt l-Artikolu 57 tal-Kap 563, l-azzjoni hija preskritta peress illi t-terminu ta' għoxrin jum mid-data ta' meta gie notifikat mid-decizjoni tal-Awtorita tal-Artijiet skadiet;
>
> 3. Illi in linea preliminari u mingħajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li huwa applikabbli l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur għandu jikkjarifika ezattament liema decizjoni qiegħed jattakka stante li dan ma johrogx b'mod car mir-rikors promotur;
>
> 4. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju ghas-suespost, dak li qiegħed jigi allegat mill-attur mhuwiex minnu, u saħansitra għandu jigi ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti.
>
> 5. Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, kull decizjoni li ttieħdet mill-Awtorità eccipjenti dejjem ttieħdet b'mod trasparenti, bil-miftuħ, u bil-kunsens tal-partijiet kollha involuti.
>
> 6. Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità tal-Artijiet wettqet l-assenjazzjoni kif trid il-ligi u bil-kunsens tal-partijiet involuti.
>
> 7. Illi, mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità tal-Artijiet mhijiex marbuta mas-sentenza tat-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim ta' Wirt li għamel referenza għalih l-attur fir-rikors promotur stante li din is-sentenza tapplika biss inter partes bejn il-partijiet involuti fil-kawza. L-Awtorità tal-Artijiet ma kienetx parti fil-kawza u lanqas ma giet kjamata fil-kawza. Għalhekk, is-sentenza mhijiex applikabbli fil-konfront ta' terzi estranei.
>
> 8. Illi, mingħajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tad-danni li qiegħed jallega l-attur fir- rikors promotur, l-attur għandu jispecifika u jipprova dawn l-allegati danni għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti.
>
> 9. Illi, mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur għandu jgib l-provi kollha mehtiega sabiex jsostni l-allegazzjonijiet li saru minnu.

> 10. Illi, f'kull każ, il-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> 11. Illi, mingħajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-Awtorità m'ghandhiex tigi kkundannata tbati spejjez għal din il-kawza, inkluzi tagħha.
>
> 12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;
>
> 13. Bl-ispejjeż."

6. Wara li kisbu l-permess meħtieġ mill-Ewwel Qorti, l-Awtorità tal-Artijiet resqet <u>risposta ġuramentata ulterjuri</u> fit-23 ta' Ottubru, 2023 li permezz tagħha eċċepiet:

> "Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent m'ghandhomx jirnexxu stante illi l-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur kif johrog minn Artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaddha. Id-decizjonijiet kollha li saru referenza ghalihom fin-nota tal-attur li giet ippreżentata fl-14 ta' Marzu 2023, ittiehdu iktar minn sitt xhur qabel ma ġiet intavolata l-kawza odjerna, B'referenza ghall-punt numru 5 tal-istess nota, id-decizjoni ta' *Chief Executive Officer* tal-Awtorità tal-Artijiet in kwistjoni kienet datata s-sebgħa (7) ta' Jannar 2022, kif johrog minn 'Dok A' anness, u ghalhekk il-kawza odjerna ġiet intavolata ferm wara d-dekadenza ta' sitt xhur."

7. B'<u>sentenza</u> mogħtija fis-<u>6 ta' Novembru, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "Għalhekk il-qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni limitatament sa fejn tgħid li l-azzjoni kellha tinġieb quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont il-Kap. 563 u konsegwentement teħles lill-Awtorità minn dawn il-proċeduri.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-attur."

8. Ir-raġunijiet relevanti għal dan l-appell li wassal lill-Bord għad-deċiżjoni tiegħu huma kif ġej:

"17. L-Awtorità teċepixxi li skont l-artikolu 57(1)(b) tal-Kap. 562, "l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità" tal-Artijiet għandhom jiġu eżaminati mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u li l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – fuq liema artikolu r-rikorrent qiegħed issejjes il-pretensjonijiet tiegħu - għandu jintuża biss fejn m'hemm l-ebda rimedju ieħor.

18. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet kienu ultra vires u li għalhekk jaqgħu fil-kompetenza ta' din il-qorti. Huwa jgħid ukoll li barra d-dikjarazzjoni ta' invalidità, huwa qiegħed jitlob ukoll il-likwidazzjoni ta' danni konsegwenzjali, u għalhekk ma setax iressaq it-talbiet tiegħu quddiem it-Tribunal.

19. Il-qorti ma tqisx li s-sottomissjonijiet tar-rikorrent għandhom mis-sewwa. Jekk l-atti amministrattivi in kwistjoni kienux ultra vires jew le, filwaqt li huwa ta' rilevanza biex jiġi deċiż jekk dawn għandhomx jiġu ddikjarati nulli, invalidi u mingħajr effett, m'hu tal-ebda rilevanza għall-kwistjoni ta' l-azzjoni li setgħet tittieħed. Sabiex tiġi ddeterminata t-tali kwistjoni, wieħed għandu jħares lejn l-artikolu 5 tal-Kap. 490, l-artikolu 57 tal-Kap. 562 u l-artikolu 469A(1) u (4) tal-Kap. 12.

20. L-artikolu 5 tal-Kap. 490 jipprovdi li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi kontestazzjonijiet meta l-kompetenza tiegħu tkun ġiet lilu mogħtija fil-Kap. 490, jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tiegħu fuq xi klassi ta' atti amministrattivi. Min-naħa l-oħra, din il-qorti għandha kompetenza ġenerali li tisma' u tiddeċiedi kontestazzjoni ta' egħmil amministrattiv (hekk kif jiġi mfisser fl-artikolu 495A(2) tal-Kap.12), fejn ma jeżisti l-ebda mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju ieħor quddiem xi qorti jew tribunal, skont xi liġi oħra.

21. Fid-dawl ta' dan, jeħtieġ li l-Qorti tgħarbel it-tip ta' att jew egħmil amministrattiv li qiegħed hawn jiġi kkontestat u jekk jeżistix mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju f'dan ir-rigward taħt xi liġi speċjali. F'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jikkontesta l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward tal-qasma tar-Raba'.

22. Fl-artikolu 57 tal-Kap. 563 – liema kapitolu tal-liġi jwaqqaf l-Awtorità tal-Artijiet – it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġie mogħti l-kompetenza li jisma' u jiddetermina l-"oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità." Dana sakemm il-kwistjoni ma tkunx waħda li taqa' fil-kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet (cioè dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kap. 573 u l-liġijiet maħruġa taħtu).

23. B'hekk taħt l-artikolu 57 tal-Kap. 563, it-Tribunal jingħata s-setgħa li jirrevedi kwalsiasi deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet – ħlief, kif diġà ssemma, dawk li jaqgħu taħt Kap 573. Ħlief għal dawn, ma ssir l-ebda distinzjoni oħra fl-artikolu msemmi rigward it-tip ta' atti amministrattivi mogħtija mill-Awtorità tal-Artijiet, li jistgħu jiġu riveduti mit-Tribunal.

> 24. B'hekk, ġaladarba l-atti amministrattivi li qiegħdin preżentement jiġu kkontestati ma ngħatawx taħt il-Kap. 573, huma jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-artikolu, li jagħti s-setgħa lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jirrevedihom. Fid-dawl ta' dan, ir-rikorrent ma jistax jitlob r-rimedju taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ġaladarba (skont is-subartikolu (4)):-
>
>> l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.
>
> 25. L-argument tar-rikorrent li, skontu, it-Tribunal huwa sprovvist mit-tali kompetenza, għaliex ir-rikorrent qed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni kkawżati b'riżultat tal-atti amministrattivi impunjati, m'għandux mis-sewwa. Dan għaliex, jekk deċiżjoni ta' l-Awtorità intimata kellha titħassar, ma hemm xejn li jżomm lill-attur milli jfittex għad-danni jekk jista' jagħmel il-każ li sofriehom, u li l-Awtorità hi responsabbli għalihom. Fi kliem ieħor jeżisti f'dan ir-rigward ukoll rimedju skond il-liġi ordinarja. Jiżdied li, fil-verità, il-possibilità li jitlob id-danni skont l-art. 469A hi iktar diffiċli minħabba f'dak li jingħad fl-aħħar sentenza tas-subartikolu (5) tiegħu.
>
> 26. B'hekk il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-Awtorità in kwantu tgħid li l-azzjoni kellha tinġieb quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skond il-Kap. 563 u mhux skont l-art. 469A tal-Kap. 12. Fid-dawl ta' dan mhux il-każ li l-qorti tqis it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità."

9. L-attur (minn issa wkoll l-Appellant) ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għalhekk appella b'rikors intavolat fil-5 ta' Diċembru, 2024 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti "*tħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fl-ismijiet Angelo Caruana vs l-awtorità tal-Artijiet mogħtija fis-6 ta' Novembru 2024, u tordna li l-Atti jerġgħu jintbagħtu quddiem l-ewwel Qorti għall-prosegwiment u smigħ tal-kawża skont il-liġi.*"

10. L-Awtorità tal-Artijiet (minn issa wkoll l-Awtorità Appellata) ressqet ir-risposta tagħha fit-8 ta' Jannar, 2025, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-appell interpost mill-attur jiġi miċħud.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

12. L-aggravju tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi kkunsidrat biss dak li jipprovdi Kap. 563 u li għalhekk waslet għall-konklużjoni, erronja skont l-appellant, li deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet għandhom jiġu kkontestati biss quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Jgħid li Kap. 563 mhux applikabbli għat-talbiet imressqa minnu li huma msejsa fuq il-pretensjoni li d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet waħda *ultra vires*, in *mala fede* u dannuża. Jgħid li l-ġudizzju tal-Qorti m'għandux ikun msejjes limitatament ma' Kap. 563 "imma kwalunkwe kwistjonijiet u/jew rimedji oħra [li] mhumiex indirizzati fil-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jittieħed punt ukoll ta' liġijiet oħra li jindirizzaw bħal f'dan il-każ, deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tkun *ultra vires* u eventwalment dannuża". Jissottometti li t-talbiet li jsiru lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt Kapitolu 490 "għandhom il-

limitazzjonijiet li jirrevokaw tali deċiżjoni mingħajr ma jindirizzaw soluzzjonijiet u/jew jillikwidaw u jikkundannaw ħlas ta' danni". Jgħid li l-kompetenza tat-Tribunal taħt Kap. 490 hija ristretta skont ma jipprovdi Artikolu 5 tal-istess kapitolu.

13. Jgħaddi biex jirreferi għall-Artikolu 32 (2) tal-Kap.12 li jipprovdi illi l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom il-Prim' Awla. Skont l-appellant dan ifisser illi meta Artikolu 5 tal-Kap. 490 ma jindirizzax xi kwistjonijiet partikolari u ma jagħtix rimedji, tali kwistjonijiet għandhom ikunu deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

14. L-<u>Awtorità appellata tilqa' għal dan l-aggravju</u> billi tgħid illi mhux minnu dak premess mill-appellant li l-Ewwel Qorti kkunsidrat biss Kap. 563 u dan jirriżulta jekk wieħed iħares lejn il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fejn qieset mhux biss Kap. 563 imma wkoll Kap. 573, Artikolu 5 tal-Kap. 490 u anke Artikolu 469A tal-Kap. 12. Dwar il-pretensjoni tal-appellant li Kap. 563 ma jinċidi xejn fuq it-talbiet attriċi msejsa fuq il-premessa li d-deċiżjoni tal-Awtorità hija "ultra vires, in mala fede u dannuża", l-appellata tgħid li dan huwa kompletament skorrett. Issemmi kif Kap. 563 jipprovdi għaċ-ċirkostanza speċifika fejn individwu

jkun jixtieq jattakka deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-Awtorità. L-appellata tirreferi għall-Artikolu 57 tal-Kap. 563 u tinsisti li huwa t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kompetenti jisma' u jiddetermina "l-oġġezzjoni magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità" ħlief għal dawk id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt Kap. 573. Tissottometti illi wieħed jista' jattakka deċiżjoni amministrattiva bis-saħħa ta' Artikolu 469A meta l-parti mġarrba ma jkolliex rimedju ieħor taħt kwalunkwe liġi oħra *in linea* mal-prinċipju fundamentali *lex specialis dergoat leġi ġenerali*.

15. Iżżid tgħid l-appellata illi bħala *lex specialis* Artikolu 57 tal-Kap. 563 jirregola biss il-kontestazzjonijiet ta' att amministrattiv tal-Awtorità appellata. Tinsisti li l-ġurisdizzjoni tal-Prim Awla u tat-Tribunal mhijiex waħda parallela u li għalhekk deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha l-istess effett bħal dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Tinsisti li għalhekk huwa skorrett l-appellant meta jgħid li Kap. 563 ma jinċidi xejn fuq it-talbiet kif postulati minnu. Tissottometti li d-deċiżjonijiet li l-appellant qed jikkontesta jaqgħu taħt Kap. 563 u allura fil-kompetenza tat-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva. Issemmi illi dwar il-pretensjonijiet tal-attur it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien kompetenti li jagħti deċiżjoni li "kien ser ikollha l-effett li l-appellant fittex li jikseb permezz tal-kawża odjerna - u ċjoè eżaminazzjoni tad-deċiżjoni jew deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità ... fil-konfront .. tar-raba'

in kwistjoni u r-rikonoxximent tal-appellant u ħutu fuq l-istess art". Tiċċita ġurisprudenza li żżomm illi r-rimedju provdut b'Artikolu 57 tal-Kap. 563 għandu xorta waħda jitqies bħala rimedju effettiv anki jekk ma jipprovdix kumpens għad-danni peress li dan tal-aħħar huwa anċillari u mhux l-għan prinċipali ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Tgħid li ġaladarba l-għan ewlieni tat-talbiet attriċi huwa dak ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' att amministrattiv, l-attur kellu jadixxi lit-Tribunal u mhux lil Prim'Awla.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**;

16. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju għall-aħħar.

17. **Artikolu 57 (1)** tal-**Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet (Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta)** jipprovdi li:

> **"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:**
>
> **(a) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u**
>
> **(b) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:**
>
> Iżda t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma għandu bl-ebda mod ikun kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet:

> Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."

18. L-istess artikolu jipprovdi illi huma esklużi mill-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva dawk id-deċiżjonijiet li huma ta' kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet. Xejn aktar mhu eskluż mill-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva f'dak li għandu x'jaqsam ma' kontestazzjonijiet ta' deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet.

19. Id-definizzjoni ta' Awtorità fl-**Artikolu 2** ta' l-istess kapitolu tinkludi fiha "*kull persuna ... li taġixxi f'isimha taħt setgħat delegati mill-Awtorità*" u għalhekk l-Artikolu 57 mhuwiex limitat għal deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Awtorità imma wkoll deċiżjonijiet u atti amministrattivi meħuda minn uffiċjal pubbliku impjegat fi ħdan l-Awtorità appellata.

20. **It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġie mwaqqaf bis-saħħa tal-Artikolu 5** tal-**Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, (Kapitolu 490**) u jagħtih is-setgħa li "jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.". Jipprovdi wkoll illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti

skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda għandu kompetenza li "**jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.**"[1]

21. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.[2] Att amministrattiv taħt il-Kapitolu 490 huwa mfisser li: "*tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika;*"[3] L-użu tal-kelma "tinkludi" turi li tali lista mhix eżawrjenti.

22. **Artikolu 469A sub-inċiż 4 tal-Kapitolu 12** huwa ċar dwar meta wieħed ma jistax jirrikorri għal dan l-artikolu. Jipprovdi illi Art. 469A mhux applikabbli "meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra." Mela att amministrattiv għandu jiġi mistħarreġ mit-

[1] Emfasi ta' din il-Qorti
[2] Artikolu 7 tal-Kapitolu 490.
[3] Art. 2, Kap. 490

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili meta l-liġi hekk tipprovdi.

23. Dwar is-**sub-artikolu (4) tal-Artikolu 469A** fuq riportat ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza **Amer Abdelrazek v. L-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali et** mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2023 li Artikolu 469A għandu funzjoni residwali meta dwar att amministrattiv partikolari l-ebda liġi speċjali ma tipprovdi għal stħarriġ ġudizzjarju tiegħu:

> "..... dan is-sub-artikolu huwa ċar u ma jagħti l-ebda lok għal miżinterpretazzjoni, hekk kif jagħti funzjoni residwali lill-Artikolu 469A meta jgħid li dan l-artikolu tal-liġi japplika biss fejn il-persuna aggravata, biex tikseb rimedju għall-ilment tagħha dwar xi att amministrattiv, ma jkollhiex triq oħra ħlief li tirrikorri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. [**Garden of Eden Garage Limited (C-17528) v. Awtorità għat-Trasport f'Malta**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Ġunju, 2015.] Għalhekk, dan l-artikolu jista' jiġi deskritt bħala «limitazzjoni (li) tikkostitwixxi eccezzjoni għar-regola ġenerali tal-Artikolu 469A li bih il-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrgu atti ta' għemil amministrattiv, [Ara s-sentenza fl-ismijiet **James Calleja et v. Awtorità tal-Ippjanar**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Marzu, 2002, (mhux appellata).]» fis-sens illi din hija eċċezzjoni fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati ġaladarba l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew tribunal partikolari huwa pprovdut f'liġi speċjali. [Ara s-sentenza fl-ismijiet **Fish & Fish Limited et. v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Settembru, 2009.] L-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri lejh bla raguni tajba."

24. Ukoll fis-sentenza **Palm Shipping Agency Limited (C-9712) v. Korporazzjoni Enemalta** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2023 ġie emfasizzat kif isegwi:

> "28. Kif imtenni fil-ġurisprudenza, dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha (ara ***Angelo Said v. Chairman Planning Authority***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008, u ***Gaetano Cutajar et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020). Jekk jinstab li din l-eċċezzjoni hija fejjieda, allura l-Qorti jkollha tieqaf milli tkompli tqis dik il-kawża. Dan għaliex l-eżistenza ta' rimedju taħt liġi oħra joqtol għal kollox l-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A**.
>
> [...]
>
> 33. Il-ħtieġa li ma jkunx jeżisti rimedju ieħor taħt liġi oħra biex jattakka dak l-għemil amministrattiv huwa element essenzjali li l-liġi trid li għandu jitħares, biex wieħed ikun jista' jissokta b'azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. U billi l-assenza ta' rimedji legali oħra fil-liġi huwa wieħed mill-elementi tal-azzjoni taħt l-Artikolu 469A li hemm bżonn illi jintwera, allura l-Qorti hija meħtieġa li tqis jekk dan l-element jinsabx sodisfatt, kemm jekk dan il-punt ikun tqajjem b'eċċezzjoni formali mill-konvenut, kif ukoll jekk dan il-punt ma jkunx ġie mqajjem mill-konvenut."

25. Stabbilit li l-azzjoni taħt Artikolu 469A hija waħda residwali, is-sub inċiż 4 tal-istess artikolu għandu jingħata interpretazzjoni dejqa. (ara. **Kunsill Lokali Marsaskala et. v. l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** - Appell Inferjuri - 29 ta' Novembru, 2007).[4] Huwa għalhekk paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li s-sub inċiż 4 għall-Artikolu 469A jillimita l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu b'tali mod li jirrendi l-applikazzjoni tiegħu biss meta l-ebda liġi speċjali ma tipprovdi dwar kif att

[4] Ara wkoll Ivan Mifsud, *Judicial Review of Administrative Action in Malta* – Ist Edit. 2018 - paġna 92

amministrattiv partikolari għandu jiġi kkontestat. Fil-każ li għandna quddiemna ma hemmx dubju li l-leġislazzjoni speċjali applikabbli hija l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet (Kap. 563).

26. L-appellant jinsisti illi huwa adixxa l-Prim'Awla u mhux lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għaliex sejjes il-pretensjoni tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-Awtorità konvenuta aġixxiet *ultra vires*. L-appellant m'għandux raġun u ma ressaq l-ebda spjegazzjoni għal tali assunzjoni.

27. Ħarsa lejn id-deċiżjonijiet tat-Tribunal turi li diversi kienu dawk id-deċiżjonijiet fejn it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva iddeċieda talbiet għal dikjarazzjoni li atti amministrattivi kienu *ultra vires*, inkluż fil-konfront tal-Awtorità appellata. (ara b'eżempju **Roseanne Mifsud v. L-Awtorità tal-Artijiet** deċiża fl-1 ta' Novembru, 2022, **Alexandra Ameen et v. Awtorità tal-Artijiet** deċiża fid-29 ta' Mejju, 2023, **Manwel Xerri v. Awtorità tal-Artijiet** deċiża fit-3 ta' Awwissu, 2023, **XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** deċiża fid-9 ta' Mejju, 2024 ilkoll deċiżi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux appellati kif ukoll **Annamaria Baldacchino v. L-Awtorità tal-Artijiet** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju, 2025).

28. Dak li m'għandux poter li jagħmel it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa li jissostitwixxi lill-Awtorità fid-deċiżjoni li tkun trid

tittieħed. Iżda tali limitazzjoni hija applikabbli wkoll fejn azzjoni hija meta xieraq istitwita bis-saħħa tal-Artikolu 469A. Imma m'għandux ikun hemm dubju li huwa fis-setgħa tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li jeżerċita stħarriġ ta' att amministrattiv fuq l-allegazzjoni li tali att huwa *ultra vires* il-poteri tal-Awtorità konċernata (ara **Robert Nichola Borg pro et noe v. Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol et** deċiża mill-Prim'Awla fil-21 ta' Ottubru, 2021, **Elton Taliana v. Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali** deċiża mill-Prim'Awla fis-7 ta' Novembru, 2017).

29. Kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn din il-Qorti qieset li m'għandix teskludi l-applikazzjoni ta' Artikolu 469A meta sabet illi fil-prattika l-imġarrab ma kellux rimedju effikaċi sabiex jattakka l-att amministrattiv taħt liġi oħra. (ara **Bunker Fuel Oil Company Limited v. Paul Gauci et**. - Appell Superjuri - 6 ta' Mejju, 1998). L-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida għaliex ma setax jadixxi lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li kif rajna għandu s-setgħa li jirrevedi l-atti kollha meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet eskluż biss dawk li huma ta' kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet.

30. Dwar l-argument tal-appellant li huwa kellu jedd jadixxi lill-Prim'Awla bis-saħħa tal-Artikolu 469A peress li talab ukoll id-danni, li huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla bis-saħħa ta' Artikolu 469A imma

mhux fis-setgħa tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, din il-Qorti tqis illi il-ħlas ta' danni f'azzjoni ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv huwa biss effett sussidjarju li ma jbiddel xejn minn dak li jipprovdi Artikolu 469A (4). (ara **All for Property Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)** - Appell Superjuri - 16 ta' Diċembru, 2019). Kemm-il darba l-Leġislatur ried li huwa applikabbli Artikolu 469A jekk jintalab id-danni, kien jipprovdi f'dan is-sens. Bil-fatt li attur f'azzjoni għal stħarriġ ta' att amministrattiv meħud mill-Awtorità tal-Artijiet jinkludi talba għad-danni ma jneħħix il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-istħarriġ. Jekk tali azzjoni tirnexxi l-jedd tal-attur li jfittex għad-danni mhux imxekkel.

31. Kif inżamm fis-sentenza **Mizzi Antiques Limited v. Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise** mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2019 meta kienet qed titratta Artikolu 469A tal-Kap.12:

> "33. Din il-Qorti tqis, qabel xejn, li minn qari tad-dispożizzjonijet tal-imsemmi artikolu, l-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u mhux obbligatorju ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan joħroġ ukoll mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 li jitkellem dwar meta u f'liema ċirkostanza l-Qorti tista' tikkundanna lill-awtorità pubblika għall-ħlas tad-danni. Lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni għal danni minn persuna mġarrba minn xi deċiżjoni jew egħmil tal-amministrazzjoni pubblika tinstab bilfors bis-saħħa ta' u fi ħdan azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A;"

32. Xejn għalhekk ma żamm lill-attur milli jadixxi lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li kif rajna għandu kompetenza esklużiva li

jistħarreġ l-għemejjel amministrattivi li minnhom ilmenta l-attur. Tqis għalhekk l-appell infondat.

**Deċiżjoni**.

33. Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb